Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2011

Numru. 805/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**Jacqueline Bezzina, bint Joseph u Doris Maria nee` Farrugia, imwielda nhar is-06 ta’ Frar 1992, Awstralja u residenti 6, Triq il-Gdida, Qormi u detentur ta’ karta ta’ l-identita` 216797(M)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputata Jacqueline Bezzuba li giet akkuzata talli f’dawn il-Gzejjer bejn 29 ta’ Lulju 2011 u t-30 ta’ Lulju 2010 xjentement laqghat ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat jew b’kull mod indahlet sabiex tmexxihom jew tbieghhom.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputata liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputata inghatat zmien xieraq sabiex tirrikonsidra l-istess;

Semghet trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha mill-imputata u fid-dawl tal-provi mismugha il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputata hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghha.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni u l-fedina penal ital-imputata u l-fatt illi r-resfurtiva giet ritornata lil sidha.

Ghaldaqstant l-Qorti wara li rat l-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputata hatja tal-akkuza migjuba fil-konfront taghha, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Mala l-Qorti qed tillibera lill-imputata bil-kundizjoni li ma tikkommettix reat iehor fi sena mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lil hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------